Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, it-18 ta' Frar 2025**

**Distrett Zurrieq**
**Kaz nru : 4498/2024**

**Il-Pulizija**
**(Supt. Christopher Galea Scannura)**

**Versus**

**Joseph Chircop**
**(160879M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjoni kontra **Joseph Chircop**, detentur tal-karta tal-identita' numru 160879M.

Akkuzat talli nhar it-30 ta' Settembru 2023 ghall-habta ta' 12:30hrs fi Flat 3, Entratura E, Triq Giovanni Maria Borg, Zurrieq:

1. Minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita dritt li jipretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu innifsu lil Nejah Nasrallah thallas dejn jew esegwixxa obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Nejah Nasrallah fil-pussess ta' hwejgu b'xi mod iehor kontra l-ligi jew indahal fi hwejjeg ta' haddiehor.

Rat illi din il-kawza qed tinstema kontestwalment mal-kawzi 'Pulizija vs Joseph Chircop' Nru 3503/24 u 'Pulizija vs Nejah Nasrallah' Nru 3502/24.

Rat id-dokumenti pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi xehed Joseph Chircop fejn qal illi Nejah Nasrallah kienet marret toqghod fil-blokka fejn jirrisjedi hu xi seba' snin qabel. Huma kienu laqghuha, u hu stess kien wahlilha l-purtieri, zammewlha t-tifla darbtejn meta kellha l-Qorti ma' missierha, kien ghin lit-tifla taghha biex tidhol mal-iSkolasports u kienu ukoll wassal lit-tifla taghha l-isptar darbtejn fis-saghtejn ta' filghodu meta Nasrallah marret thabtilhom il-bieb. Ix-xhud kompla jghid illi Nejah riedet taghtih spare key tad-dar taghha, f'kaz illi tissakkar barra izda hu ma riedx dik ir-responsabbilita'. Fil-Milied kienet haditlu flixkun inbid, izda hu rega' ghamilulha wara l-bieb ghax ried li jaqta' l-kunfidenza maghha. Minn dakinhar bdiet taqbad mieghu ghal kull haga ta' xejn, fil-fatt fit-8 ta' Jannar 2024, hu kien biddel ix-xoghol tieghu u mar jahdem mal-Ministeru u sar *Chief of Staff.* Nasrallah marret l-ufficcju tal-Prim Ministru biex taghmillu l-hsara u qalet li hu razzista. Nasrallah marret ukoll il-Parlament u kellmet lis-Segretarju tal-iSpeaker, u qaghdet tistenna lis-Segretarju Parlamentari li jahdem mieghu hu, w ippruvat tkellmu waqt li kien diehel Kastilja. Illi Joseph qal illi fit-30 ta' Settembru 2023, kien wasal lura d-dar bix-xirja u pparkja fuq *blue bay*, sakemm nizzel ix-xirja, u t-tifla ta' Nasrallah, li ghandha xi 10 snin, kienet fil-gallarija u bdiet tghajjat *'ara fejn ipparkja, ara x'inhu jaghmel'* u *'itlaqli l'hemm'*. Hu qalilha *'lili hallini kwiet'*. Harget Nasrallah u bdiet tghajjat '*hallili t-tifla, qed twerwirli t-tifla'* u tkellmu bl-Gharbi, u hu qalilha *'lili halluni kwiet ghax ha ggenuni, ma niflahkomx izjed ha tmarduni, issa dejjaqtuli kull m'ghandi'* u t-tifla bdiet tirrekordja bil-mobile. Hu qalilha li din id-darba kien sejjer hu jirrapporta l-ghassa ghax ma jiflahx izjed, u mar jaghmel rapport. Meta Nasrallah marret l-ghassa, bdiet tivvinta li hu kien qalilha biex tmur lura f'pajjizha. Jammetti li darba fuq messenger kien qalilha '*go back to your country',* imma kien induna li zbalja u talabha apologija u baqghet kull darba tuzaha bhala skuza. Kieku kien razzist ma kienx jghinna u jwassalha bit-tifla l-isptar jew izommilha lit-tifla. Joseph kompla jghid illi kien hemm incident iehor bejn Gunju u Lulju 2023, fejn Nasrallah kienet tefghet il-kartun taht it-tarag, u flok nehhitu fiz-zmien gimgha kompliet titfa' l-kartun ghal xi xahar. Simon Bondin li joqghod tahtha jibza' hafna mill-kartun minhabba fil-wirdien. Huma bhala blokka jiftehmu illi f'kaz li jkun hemm kartun, dan jista' jinzamm hemm sakemm jigu jigbru l-kartun nhar ta' Hamis, izda Nasrallah ma kinitx tohorgu l-

Hamis u kienet tkompli izzid aktar kartun. Hu jghix fil-Flat 4 u hi fil-Flat 2, li huma quddiem xulxin. Fil-kontro ezami Joseph Chircop cahad illi hu hadha mat-tifla ta' Nasrallah dakinhar, ghax kull ma' qalilha kien hallini kwiet u ghamlilha sinjal b'idu biex thallieh bil-kwiet, hu tkellem biss meta harget Nasrallah tghajru. Ikkonferma illi t-tifla bdiet tkellem lil ommha u mhux lilu, izda bdiet tipponta subghajha lejh. Hu xtaq il-paci fil-blokka u mhux glied.

Illi Michelle Spiteri xehdet, illi fis-26 ta' Gunju 2023, x'hin dahlet fil-blokk mix-xoghol sabet hafna imbarazz ta' kartun kbir fil-komun, li kienet tefghet Nasrallah. Hi ma rathiex titfa l-kartun imma taf li kien taghha, ghax kienet ghamlet kamra tas-sodda ghat-tifla. Huma ghamlu rapport izda l-ghada Nasrallah sfidathom ghax tefghet aktar kartun li dam hemm sas-6 ta' Lulju 2023. Ix-xhud kompliet tghid li huma jiftehmu bejniethom u hi meta jkollha l-kartun, tnizzlu gurnata qabel ma jingabar. Huma ma jistghux jkellmu lil Nasrallah minhabba ordni mill-Qorti, u ghalhekk marru jaghmlu rapport.

Illi xehed Simon Bondin, li jghix fl-istess blokk ma' Nasrallah, li gharafha fl-awla, fejn qal li fis-27 ta' Gunju 2023 ra l-kartun fil-komun taht it-tarag fl-entratura, u x'hin ra li baqa' hemm, kien mar l-ghassa jaghmel rapport ghax hu ghandu *phobia* kbira tal-wirdien u kartun, tant illi jgib lil tal-bexx darbtejn fis-sena. Meta l-ghassa ikkuntattjaw lil Nasrallah, flok nehhiethom tefghet aktar kartun. Hu ppretenda li l-kartun jinzamm fid-dar taghha u tnizzlu lejliet li jingabar. Hu jaf li l-kartun kien ta' Nasrallah ghax raha hu stess tnizzlu, izda kompliet titfa' izjed, u fil-fatt il-kartun dam taht it-tarag bejn 7 u 9 t'ijiem. Ix-xhud ma jiftakarx jekk kienx qal lil Nasrallah biex tnehhieh.

Illi xehdet Ritianne Azzopardi fejn qalet illi fis-27 ta' Gunju 2023, kien hemm hafna kartun taht it-tarag u hi kienet rat lil Nasrallah, li gharfet fl-awla, niezla bil-kartun u wara jumejn irrapportaw l-ghassa ghax kien hemm hafna kartun, jablo u bicciet tal-plastic taht it-tarag fil-blokk, fejn jghixu. Ghalkemm lil Nasrallah kelmuha mill-ghassa, il-kartun zdied u rawha li qieghda tisfidhom. Fil-fatt il-kartun dam hemm ghal disat ijiem, sas-6 ta' Lulju 2023.

Illi xehdet Nejah Nasrallah fejn qalet illi fin-12.30pm harget mid-dar biex tmur iggib il-medicina ghat-tifla u ftit wara cemplitilha t-tifla u qaltilha li kien hemm ragel gharwien wara l-bieb, bis-shorts u minghajr flokk u hi

regghet dawret il-karozza u marret tigri lura d-dar, u kif iccekkjat is-CCTV, rat lil Joseph Chircop hiereg mid-dar bis-sellum u tela' fuq ic-CCTV u beda jaqla' l-camera. Hi cemplet l-ghassa u wriet il-footage lill-Pulizija li kien gie ipprezentat u mmarkat Dok NN1[1]. Fil-ghaxija tal-istess gurnata 30 ta' Settembru 2023, it-tifla kienet fil-gallarija u qaltilha *'ara mummy fejn ipparkja fuq il-blu'* u semghet lil Joseph Chircop jghidilha *'idhol gewwa dejjaqtuli zobbi, idhol gewwa mgienen, mahniex'* u kien hemm xi gar li qallu ieqaf u hu wiegbu *'mgienen, jmorru pajjizhom'*. Nasrallah qalet illi ma' tafx min kien il-gar ghax semghetu imma ma ratux. Hi harget fil-gallarija u qaltlu *'ieqaf ghajjat mat-tifla ghax twerwirha'*. Cemplet lil Pulizija imma ma marrux, u t-tifla baqghet imwerwra, u hi b'hekk ghamlet rapport lil Professional Standards kontra l-Pulizija li gie ipprezentat u mmarkat Dok XYZ1[2]. Il-Pulizija kienu cemplulha biex tnehhi s-CCTV. Kif kien mill-parking fit-30 ta' Settembru 2023 ukoll, kien habat fil-karozza taghha u qieghed fil-video u fl-istess rapport. Fil-kontro ezami tghid illi r-rapport tal-cameras ghamlitu wara li rat il-playback fuq CCTV, ghax kien werwer lit-tifla. Meta marret lura d-dar sabet it-tifla mwerwra ftit minuti wara imma ma kintix prezenti waqt l-incident, izda fuq li qaltilha t-tifla rat is-CCTV. It-tieni rapport li ghamlet kontra Joseph Chircop kien fuq insulti u li werwer lit-tifla u fuq razzizmu.

Illi Michelle Spiteri xehdet fejn qalet illi fit-30 ta' Settembru 2023, fit-8.30pm waqt illi kienet fil-gallarija semghet it-tifla ta' Nasrallah, li gharfet fl-awla, tghajjat *'ara dak fejn ipparkja, ara Ma fejn ipparkja'* u kompliet tghajjat. Joseph Chircop, li gharfet fl-awla, kien qieghed ihott ix-xirja bil-kwiet u wegibha *'hallini kwiet u tista' tirrikordjani kemm trid ghax jien sejjer l-ghassa ghax issa dejjaqtuli kull m'ghandi'*. Harget Nasrallah tghajjat *'hallihieli t-tifla, werwirtli lit-tifla'* u Joseph telaq bil-karozza. Hi setghet tara lil Joseph imma ma setghetx tara lil Nasrallah u lit-tifla, peress illi l-gallarija kienet taht taghha imma gharfet lehenhom.

Illi rega' xehed Joseph Chircop, fejn qal illi hu jiehu hsieb il-komun tal-blokka u Nasrallah installat il-cameras bla permess. Hadd mir-residenti l-ohra ma ha pjacir bil-cameras ghax tikser id-data protection u qalulha biex tnehhihom bil-kelma t-tajba. Hi baqghet tisfida u ghamlu rapport l-ghassa u mal-Housing u Nasrallah baqghet ma nehhithomx. Joseph Chircop qal illi darba minnhom sema' lil Nasrallah hierga fit-8.30am u qabad sellum

[1] Li tinsab inserita fil-kawza Pulizija vs Nejah Nasrallah bin-numru 8853/24 a fol. 40
[2] Li tinsab inserita fil-kawza Pulizija vs Nejah Nasrallah bin-numru 3502/24 li qieghda tinstema kontestwalment

u tela' mal-cameras biex jara kinitx automatic jew le. Hu kkonferma illi la pprova jaqla' il-camera, la habbat il-bieb jew ipprova jkellem lilha jew lit-tifla, u li hu kien liebes shorts u kien zaqqu barra peress illi kien is-sajf. Fil-kontro ezami ikkonferma li l-camera ma kinitx tieghu imma kienet ta' Nasrallah u kienu qalulha biex tnehhi l-camera, hu ma kienx messha l-camera imma tela' fuq sellum biex jittawlilha mill-vicin biex jara kinitx automatic.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat huwa akkuzat illi ezercita xi dritt li ppretenda li kellu meta mar jittawwal lejn il-camera li kienet wahhlet Nejah Nasralah. Illi l-imputat ammetta illi kien mar bis-sellum biex jittawwal il-camera mill-vicin, peress illi kienet mwahhla fil-komun, u kienet taghti ukoll ghal fuq il-bieb tieghu u dan kontra d-data protection. Illi Nejah qalet illi kien werwer lit-tifla, u ghalkemm hi ma kinitx prezenti, ratu fuq il-camera, b'zaqqu barra jmiss il-camera u kien ser jipprova jaqlaghha.

Illil l-Qorti wara li rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali u semghat ix-xhieda, hija konvinta illi l-akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed issib lil imputat **mhux hati** ta' l-akkuza migjuba kontrih u tilliberah minnha.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**